MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Avviz Numru. 389/2002/1

**G.M.F. Precast Limited**

**vs**

**Frank Cachia**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef, mija u hames liri Maltin (Lm3,105.00) rapprezentanti *precast concrete slabs* mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut li ghadhom ma thallsux.

Bl-ispejjez komprizi ghaxar liri Maltin (Lm10) ta’ ittri legali li ntbaghtu fis-26 ta’ Marzu, 2002, u fit-3 ta’ Gunju, 2002, u bl-interessi mill-1 ta’ April, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fis-7 ta' Ottubru, 2002, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici  bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Anthony Zammit
Dep Reg.